MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 484/2008

**GO p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Joseph Rizzo ID 246462M u**
**Sonia Rizzo ID 42067M**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ hames mija u wiehed u tletin Euro u tnejn u tmenin centezmu (€531.82) – mitejn u tmienja u ghoxrin liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm228.31c), dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 686487, skond kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mat-Talba u mmarkati Dok A u B.

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jghaddu ghal-hlas izda baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu is-somma ta’ hames mija u wiehed u tletin Euro u tnejn u tmenin centezmi (€531.82), mitejn u tmienja u ghoxrin liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm228.31), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------